MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 1470/1999/1

**C. Fino & Sons Limited**

**vs**

**Mario u Simone konjugi Gauci**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta’ Novembru, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess socjeta attrici s-somma minnhom dovuta ta’ tlett mija u tmienja u sebghin lira maltija u hmistax il-centezmu (Lm378.15c) bilanc ta’ somma akbar rapprezentanti prezz ta’ ghamara lill-konvenuti

mibjugha u konsenjati, u dana kif jidher mill-istatement unit mal-avviz u markat Dok A. Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra nterpellatorja tad-29 ta’ Jannar 1999, tal-Mandat ta’ Sekwestru prezentat mal-avviz u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja ta’ l-ghamara, kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll id-dokument ossija prospett anness mal-istess avviz u markat Dok A a fol 2 u 3 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (fol 10b ibid) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li x-xoghol ezegwit mis-socjeta attrici f’partijiet tieghu ma giex ezegwit skond l-arti u s-sengha kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment id-digriet Taghha moghti fl-10 ta’ Mejju 2004 (fol 25 ibid) u li bih gie nominat bhala espert tekniku Charles Sultana, ir-relazzjoni tal-istess espert a fol 33 et seq ibid u n-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenuti a fol 39 et seq ibid.

Ikkunsidrat

Illi Anthony Fino (fol 14 et seq ibid) spjega illi l-konvenuti fit-23 ta’ Novembru 1995 kienu ordnaw kcina, “chopping board” u mejda b’sitt siggiet kif jidher mid-dokumenti a fol 16 sa fol 18 tal-atti, liema ordni kienet akkumpanjata bil-hlas da parti tal-konvenuti tas-somma ta’ Lm1000 akkont. L-istess ordni kienet giet konsenjata lill-konvenuti fid-19 ta’ Novembru 1996 wara, pero’, li l-istess ghamara ordnata kienet ilha lesta ghal diversi xhur u dan ghar-raguni specifikata fl-istess xhieda b’affidavit u kienet giet mahzuna ghal dan il-perjodu fi “store” tas-socjeta attrici. Mal-konsenja

u waqt l-immuntar tal-istess kcina, jidher li l-konvenuti kienu xtaqu li ssir modifika fl-ordni originali billi l-“corner hood” tinkesa bl-istess kwalita ta’ injam tal-kcina, liema modifika fuq insistenza tal-konvenuti saret. Pero dwar din, ix-xhud jghid illi l-konvenuti, wara li ghadda ftit ta’ zmien, jidher li bidlu l-fehma taghhom u l-konvenut kien talab zebgha sabiex dan il-“hood” jsir kif kien ordnat originarjament, b’ “texture paint”. Inoltre kien sar tibdil iehor waqt li kienet qed tigi rmuntata l-istess kcina u dan fuq talba tal-istess konvenuti, liema bidla kienet tirreferi ghal posizzjoni ta’ “hot plate”. Minhabba hekk, ix-xhud jghid li kienet saret ordni separata kif jidher mid-dokument, a fol 19, markat Dok AF4 u aventi il-prezz ta’ Lm225.00. Dwar il-hlas tal-prezz, ix-xhud jghid li l-konvenuti “… hallsu a kumdita u pjacir taghhom”. Difatti kien sar hlas ta’ Lm1000 fil-21 ta’ Jannar 1997 u ta’ Lm1000 ohra fil-11 ta’ Frar 1998 sakemm kien hemm bilanc dovut ta’ Lm118.15c. Hawnhekk ix-xhud semma’, ukoll, li kien hemm ordni datata l-24 ta’ April 1998 ammontanti ghal Lm35 kif jidher mid-dokument a fol 25 u markat Dok AF10 in konnessjoni ma immuntar ta’ kamra tas-sodda. Ghalhekk hu spjega li l-ammont specifikat fl-avviz kien jirreferi ghall-bilanc ta’ Lm118 gja msemmi kif ukoll ghal dak li jirreferi ghad-dokumenti markati Dok AF4 u Dok AF10. Fl-ahhar nett hu semma illi “xi xhur wara li l-kcina kienet iffittjata, il-konvenuti kienu ilmentaw dwar il-“polish” li kien intuza.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta (fol 46 et seq ibid) issostni fuq xhieda taghha, permezz ta’ “affidavit” illi hi u zewgha kienu ghamlu l-ordni in esami wara li raw “… din l-ghamara gewwa ix-‘showrooom’ “ u b’hekk kienu ordnaw “… wahda simili taghha”. Pero meta kienet saret il-konsenja, l-impjegati tas-socjeta attrici kienu rrifjutaw “…. Milli jiffitjaw l-appliances fuq il-post mal-kumplament tal-kcina,

….. hekk kif generalment isir", li l-cooker kien gej il-barra "… u mhux precisament taht il-hood kif suppost", liema problema pero' jidher li giet solvuta. Inoltre l-konvenuta lmentat illi l-injam li kien intuza fuq wicc il-cupboard tal-kcina kien chipboard u mhux solidu u b'hekk kien espanda u kkaguna hsara fil-madum, li xi bibien tal-cupboards ma kienux allineati anzi "kienu sahansitra mibrumin il-barra" li c-chopping board kellha xi tebghat homor fuqha, fil-wicc, kif ukoll dwar xi difetti ohra elenkati fl-istess xhieda.

Ikkunsidrat

Illi l-epsert tekniku nominat zamm zewg access fl-10 ta' Mejju 2004 u fl-24 ta' Settembru 2004 u mill-istess relazzjoni sottomessa minnu, jidher li hu kkostata li, effettivament, kien hemm difetti, kif elenkati u specifikati fl-istess relazzjoni u murija fuq diversi ritratti (fol 36 ibid). Pero l-istess espert ma setax jistma x-xoghol rikjest sabiex dawn jissewwew.

Ikkunsidrat

Illi mill-lat legali, jidher mill-avviz in esami illi, hawnhekk, trattasi ta' <u>ftehim ta' bejgh</u> u mhux wiehed ta' appalt ossija 'locatio operis'. Dan qed jinghad peress li fl-avviz, jidher li l-bilanc allegatament dovut mill-konvenuti hu "bilanc ta' somma akbar rappresentanti prezz ta' ghamara lilkom <u>mibjugha u konsenjati</u>" waqt li fl-eccezzjonjiet sottomessi mill-konvenuti ssir referenza ghal xoghol esegwit mis-socjeta attrici u li ma kienx "skond l-arti u s-sengha". Wara li qieset in-natura tal-ftehim, il-Qorti hi tal-fehma li dan, effettivament, hu bejgh u mhux appalt peress li l-konvenuti ordnaw u xtraw l-ghamara u oggetti in kwistjoni a basi ta' dak li gie muri lilhom fix-showroom tas-socjeta attrici u ftehmu fuq il-prezz relattiv skon kif jirrisulta mid-dokumenti markati Dok AF1 sa Dok AF3 a fol 16 sa fol 18 tal-atti.

Ghalhekk trattasi ta' bejgh, il-konvenut, f'dan il-kaz setghu jew jadixxu l-Qorti "per azione" a basi tal-garanzija fl-artikolu 1424 tal-Kodici Civili cjoe dik kontra difetti mohbija jew inkella jeccepixxu illi l-ghamara kif konsenjata ma kienetx tal-kwalita pattwita u miftehma bejn il-partijiet (ara l-artikolu 1390 tal-istess kodici). Filfatt dan ma sarx izda gie eccepit biss illi x-xoghol esegwit ma kienx skond l-arti w is-sengha. Minhabba hekk, avolja jista' jidher illi xoghol maghmul ma kienx gie esewit b'mod sodifacjenti din l-Qorti ma tistax tara kif takkolji l-eccezzoni sottomessa in vista li din setghet tigi allegata biss kieku dan il-kaz kien jirrigwarda ftehim ta' "locatio operis".

Illi, konsegwentement, it-talba attrici ghandha tigi akkolta, b'riserva favur il-konvenuti ghal kull rimedju iehor spettanti lill-istess konvenuti skond il-ligi jekk ghad hemm xi wiehed disponibbli ghalihom minhabba t-trapass ta' zmien.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm378.15,0 bl-imghax legali mill-11 ta' Ottubru 1999 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes minhabba c-cirkostanzi ta' dan il-kaz kif hawn fuq esposti, il-Qorti tordna li dawn jibqghu bla taxxa bejn iil-partijiet."

Ic-censura ewlenija tal-konvenuti bl-appell minnhom introdott hi dik li l-ewwel Qorti kienet zbaljata fl-individwazzjoni minnha tax-xorta ta' kontrattazzjoni interkjuza bejn il-partijiet. Bil-kontra ta' dak determinat fis-sentenza appellata huma jikkontendu illi l-ftehim kien wiehed ta' appalt u mhux dak ta' vendita u, allura, in bazi ghar-rizultat ottenut mill-perizja teknika, l-eccezzjoni taghhom li x-xoghol ezegwit ma kienx skond l-arti u s-sengha kellha tigi sostenuta;

Huwa importanti, fil-hsieb tal-Qorti, illi meta tinsorgi kontroversja dwar il-klassifikazzjoni guridika tal-ftehim bejn il-partijiet, u jekk dan hux wiehed ta' bejgh jew ta' appalt il-gudikant ghandu jkun gwidat minn dawn il-fatturi, u cjoe:-

(i) is-sostanzjalita` tal-ftehim;

(ii) il-prevalenza ta' l-elementi kostitutivi tieghu fil-fattispeci, ossija jekk ghandux aktar ingredjenti fih, tipici ta' dawk *di fare* jew *de dare.* Koncettwalment, ezercizzju bhal dan jimporta konsiderazzjoni oggettiva ta' l-elementi tal-ftehim aktar milli wahda li thares lejn dik li setghet kienet l-intenzjoni tal-kontraenti, kif hekk kien gie teorizzat fis-sentenza fl-ismijiet "**Negte George Camilleri *nomine* -vs- Joseph Mamo *nomine***", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Awissu 1951;

Issa fil-kaz in ispecje huwa notorju illi s-socjeta` attrici hi wahda li fis-suq timmanifattura prodotti specjalizzati fuq l-injam u ta' certu tip. Huwa rilevanti ghalhekk, illi fuq l-interpretazzjoni u analisi tal-fatti, jigi ricerkat jekk f' dan il-kaz partikolari dak fornut minn din is-socjeta` lill-konvenuti kienx jirrientra fl-attivita` produttiva ordinarja ta' l-istess socjeta` jew kienx prodott divers fl-essenza tieghu minn dak ordinarjament manifatturat mill-istess socjeta`;

Jirrizulta mill-fatti processwali illi l-appellanti kienu rrikorrew fix-*showroom* tas-socjeta` attrici biex hemm jezaminaw l-ghamara esposta fih. Skond kif dikjarat mill-konvenuta Simone Gauci fl-Affidavit taghha a fol. 46, billi kienet ghogbithom l-ghamara tal-kcina tat-tip "Razzett" huma ppjazzaw ordni simili ghaliha. Haga naturali, kif inhu hekk konswet, l-ghamara hekk maghzula kellha tkun uniformi ghall-kejl ta' l-ambjent fejn kienet intiza li tkun kollokata;

Fuq l-istregwa ta' dawn il-fatti l-ewwel Qorti stabbilit illi l-kontrattazzjoni kellha aktar mill-karatteristici tal-bejgh milli dik ta' *locatio operis*. Ma' din l-interpretazzjoni din il-Qorti

tikkonkorda in kwantu tara li fil-ftehim raggunt l-appellanti riedu effettivament jakkwistaw sett ta’ ghamara tal-kcina konformi sostanzjalment ghat-tipicita` singolari ta’ prodott ordinarjament mahdum mis-socjeta` attrici, anke jekk bil-varjanti marginali tal-kejl u tal-forma specifikament rikjesta mill-appellanti biex taghmel is-sett aktar adattat ghal dak volut mill-appellanti skond il-konfigurazzjoni ta’ l-ambjent fejn ried jitqieghed;

L-appellanti jittantaw isibu soljev ghal kontenzjoni taghhom illi si tratta ta’ appalt u mhux ta’ bejgh fis-sentenza moghtija fit-28 ta’ Jannar 2004 minn din il-Qorti, kif presjeduta, fil-kawza fl-ismijiet “**Anthony Marcel Pace Asciaq *nomine* -vs- Joseph Camilleri *et***”. Din il-Qorti ezaminat din is-sentenza taghha stess izda ma tarax kif din tista’ tikkonforta t-tezi taghhom. Dan ghaliex f’ dak il-kaz l-iehor l-ghamara kienet inhadmet skond disinn specifiku, li ma huwiex il-kaz hawnhekk, u dan kien jaghmel il-ftehim bejn il-partijiet b’ din il-karatteristika bhala wiehed li kellu aktar minn natura *di fare* milli dik *di dare,* anke ghaliex il-prodott ahhari b’ dak id-disinn kien jikkostitwixxi diversita` essenzjali minn dik ta’ l-oridnarja produzzjoni realizzata mis-socjeta` fornitrici. Ghal kuntrarju, fil-kaz in ezami, ghajr ghat-tibdiliet marginali li gja ssemmew, relattivi ghal kejl u l-forma fis-sett ta’ ghamara ordnat, u li certament ma znaturawx il-karatteristici essenzjali tal-prodott kif mill-appellanti vizwalizzat fix-*showroom*, ma nsibux din id-diversita` imma, fi kliem l-appellanti “wahda simili taghha”;

Wiehed irid joqghod ferm attent meta jigi biex jiccita sentenzi ghaliex kull kaz ghandu l-fattispeci pekuljari tieghu u element fattwali wiehed jista’ jkun bizzejjed biex jaghmel id-differenza minn kaz ghall-iehor. Ad ezempju, hekk issuccieda wkoll fil-kaz recentement ezaminat minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-31 ta’ Jannar 2007 in re: “**Joseph Vella Brincat *et* -vs- Hal Mann Limited**”;

Gjaladarba din il-Qorti qeghda hi wkoll tiddetermina li, fil-fattispeci, il-ftehim kien jittratta minn bejgh ta' haga futura u mhux minn appalt, l-eccezzjoni sottomessa inerenti ghal kaz ta' appalt ma tistax tirnexxi. Isegwi allura li l-aggravju mhux fondat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez a karigu tal-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------